**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 2 ta' Novembru, 2017

Rikors Guramentat numru : 260/16 AL

**A B N**
**Vs**
**Dr Leontine Calleja u l-PL Davina Sullivan nominati bhala Kuraturi Deputati b'digriet tal-Qorti tat-28 ta' Novembru 2016 sabiex jirrapresentaw lill-assenti C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li permezz tieghu jppremetta :

**ILLI** l-esponenti hija ċittadina Maltija u ilha tgħix hawn Malta minn meta twieldet;

**ILLI** l-esponenti kienet miżżewġa lil C D u minn dana ż-żwieġ kellhom żewgt it-tfal **S D** li twieldet fit- 22 ta' Diċembru 2013 u **R D** li twieled fis-7 ta' Novembru 2015. (Ċertifikati tat-twelid annessi Dok A u Dok B);

**ILLI** illum l-esponenti hija divorzjata mill-imsemmi C D u ilha hekk divorzjata mid-29 ta' April 2015 (Ċertifikat taż-żwieġ anness Dok C);

**ILLI** ftit wara li ġie ppronunċjat id-divorzju l-imsemmi C D telaq minn Malta u qata kull kuntatt li kellu ma l-esponenti kif ukoll ma uliedu. Huwa anqas biss qatt ra lil bintu minuri S u wisq anqas jipprovdi xi tip ta' manteniment għall-għejxien tagħhom;

**ILLI** l-esponenti tixtieq illi l-kura u l-kustodja tal-minuri tiġi fdata esklussivament lilha;

**ILLI** l-esponenti ġiet awtorizzata tipproċedi b'din l-istanza in forza ta' digriet datat 21 ta' Ottubru 2016;

Talab ghar-ragunijiet suesposti li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kull provediment li joghgobha taghti:

**TORDNA** li l-kura u l-kustodja tal-minuri **S D** li twieldet fit- 22 ta' Diċembru 2013 u R **D** li twieled fis-7 ta' Novembru 2015 tiġi fdata esklussivament lir-rikorrenti.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Leontine Calleja u il-PL Davina Sullivan, li permezz taghha eccepew : (fol 30)

1. F'dan l-istadju l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri, jekk ikun il-kaz, meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-imsemmi C D minnhom rapprezentat. F'dan ir-rigward l-esponenti minn issa jitolbu lir-rikorrenti sabiex tipprovdilhom kull indirizz inkluz dak elettroniku u/jew numru tat-telephone tal-imsemmija C D sabiex ikunu jistghu jikkomunikaw mieghu;
2. Illi hija l-attrici li ghandha l-piz tal-prova u cjoe' illi trid tkun l-attrici li permezz tal-provi mressqa minnha tikkonvinci lil dina il-Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess attrici qeghda taghmel fil-konfront tal-intimat huma fondati;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li hija minn issa ingunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal- kuraturi deputati Dr Leontine Calleja u il-PL Davina Sullivan;

Rat l-affidavits u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża bejn ir-rikorrenti u żewġha C D minnu legalment iddivorzjata[1], fejn qiegħda tintalab tafda l-kura u l-kustodja ta' uliedhom minuri S D u R D lir-rikorrenti. L-intimat huwa assenti minn Malta, u għalhekk qed jiġi debitament rappreżentat f'dawn il-proċeduri, mill-Kuraturi maħtura għal dan l-iskop.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tirrileva, partikolarment għall-iskop tal-ġurisdizzjoni tagħha, illi jirriżultalha li l-minuri S u R jgħixu u qegħdin hawn Malta flimkien ma' ommhom r-rikorrenti, huma ċittadini Maltin u jinstabu domiċiljati hawn Malta.

Il-fatti tal-kawża, fil-qosor huma s-segwenti[2]:

---

[1] Ara ċ-ċertifikat taż-żwieġ bejn il-partijiet, fol. 6, fejn hemm notament illi fid-29 t'April 2015, iż-żwieġ bejn il-partijiet ġie xolt permezz ta' digriet mogħti mis-Supreme Council of Sharia, Palestine.

[2] Dawna jirriżultaw mill-affidavit tal-attriċi fol. 34 tal-proċess u minn dokumenti oħra esebiti.

(a) Illi r-rikorrenti, ċittadina Maltija ta' nisel Palestinjan, iżżewġet lill-konvenut C D, Palestinjan, ġewwa l-Palestina fit-13 ta' Diċembru 2012.[3]

(b) Il-konvenut ma kienx persuna affidabbli għaliex ma kienx irid jaħdem u kien ġej u sejjer minn Malta.[4] Għalhekk ħu l-attriċi, Sami, kien ħassrilha milli tiżżewġu, iżda hi għamlet ta' rasha u żżewġitu.

(c) Miż-żwieġ, twieldu ġewwa r-Rabat Għawdex żewġ ulied. Fit-22 ta' Diċembru 2013 twieldet il-minuri S D[5] u sussegwentement fis-7 ta' Novembru 2015, twieled il-minuri S D[6];

(d) Illi l-konvenut ma setax jidra hawn Malta u għalhekk il-partijiet kien ikollhom ħafna ġlied dwar dan. Ir-rikorrent xtaqet tibqa' hawn Malta għax il-ħajja ta' Malta togħġobha kemm għaliha u wkoll għal uliedha, u wkoll għaliex hija Maltija. Meta kienet għadha tqila b'S, il-konvenut kien qalilha li ser jitlaq għal kollox;

(e) Marru flimkien għand l-avukat biex jibdew il-proċeduri sabiex hija jkollha l-kura u l-kustodja tat-tfal, iżda sakemm waslu għall-ewwel seduta ta' medjazzjoni[7], huwa laħaq telaq minn Malta. Fil-fatt, huwa lanqas laħaq ra lil ibnu S, għaliex telaq minn Malta meta l-attriċi kienet għadha tqila;

(f) Illi fid-29 t'April 2015, iż-żwieġ bejn il-partijiet ġie xolt permezz ta' digriet mogħti mis-Supreme Council of Sharia, Palestine.

---

[3] Ċertifikat taż-żwieġ relattiv jinsab esebit fol. 6
[4] Xiehda ta' **Sami Abu Nada**, affidavit fol. 37 u **Mona El Daoud**, affidavit fol. 38
[5] Ċertifikat tat-twelid relattiv jinsab fol. 4
[6] Ċertifikat tat-twelid relattiv jinsab fol. 5
[7] Fol. 35

(g) Ir-rikorrenti tispjega illi hija qatt ma reġgħet rat lill-konvenut u ma tafx fejn jinsab.

(h) Ikkonfermat li huwa m'għandu l-ebda kuntatt mat-tfal u qatt ma bagħat xi forma ta' manteniment. Lanqas ma kkomunika magħha biex ikun jaf x'ġara mit-tfal.[8]

## PRINĊIPJI LEGALI

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawża Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli[9] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment*;"

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless[10], il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

---

[8] Ikkonfermata mill-affidavit ta' ommha **Madiha Abu Nada**, fol. 36, ħuha **Sami Abu Nada**, fol. 37 u ta' **Mona El Daoud**, fol. 38.

[9] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP

[10] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858;

Illi ngħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet John Cutajar vs. Amelia Cutajar et [11] u Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna[12] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."*

Il-Qorti għaldaqstant għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-konjuġi bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili[13].

APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

Fil-każ in eżami, jirriżulta illi l-intimat ma wera ebda interess illi jżomm il-kuntatt m'uliedu. Lill-minuri S qatt ma rah u qatt ma wera nteress fih. Huwa qatt m'għamel kuntatt m'uliedu minuri u qatt m'ivversalhom manteniment.

Illi in vista ta' dan suespost, il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandhiex takkorda il-kura u l-kustodja tal-minuri S u R D esklussivament u unikament f'idejn l-attriċi.

## DEĊIDE

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti b'dana illi tiddikjara li l-kura u l-kustodja tal-minuri S D imwielda lir-rikorrenti fit-22 ta' Diċembru 2013 u wkoll tal-minuri R D

[11] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956;

[12] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP)

[13] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

imwieled lir-rikorrenti fis-7 ta' Novembru 2015 qed tiġi fdata unikament u esklussivament f'idejn ommhom ir-rikorrenti A B N, b'dana illi kwalsiasi deċiżjoni rigwardanti saħħa, edukazzjoni, reliġjon, trobbija, safar tal-minuri, inkluż ħruġ u/jew tiġdid tal-passaport tal-minuri u b'mod ġenerali kull deċiżjoni oħra rigwardanti l-minuri għandha tittieħed mir-rikorrenti weħidha mingħajr il-bżonn tal-awtorizazzjoni u/jew il-kunsens tal-intimat;

Bl-ispejjeż jiġu sopportati mill-intimat C D, b'dan illi l-attriċi għandha provviżorjament tħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.